# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 209/2022: **GEOFFREY CIANTAR (KI. 400769M) V. MUSCATS MOTORS LIMITED (C420)**

(ID-DISTINZJONI BEJN PERJODU TA' DEKADENZA U PERJODU TA' PRESKRIZZJONI – L-AZZJONI GĦAX-XOLJIMENT TAL-BEJGĦ MIX-XERREJ META L-BEJJIEGĦ MA' JAGĦMILX IL-KUNSINNA TIDDEKADI BIT-TRAPASS TA' SENTEJN MID-DATA TAL-KUNTRATT – KAP. 16, ART. 1385, ART. 1407(1) - PERJODU TA' DEKADENZA LA JISTA JIGI INTERROTT MIX-XERREJ U LANQAS JISTA' JIĠI IPPRESERVAT, IPPROLUNGAT JEW RINZUNZJAT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Lulju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Geoffrey Ciantar (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2022[1] li permezz tiegħu talab lil Muscats Motors Limited (msejjħa "l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata:

**thallas, lill-attur, s-somma ta' ghaxart elef tmien mija u disghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€10,890.45), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti dik il-bicca mill-prezz tal-vettura tat-tip BMW 116d - bin-numru ta' registrazzjoni ENA 308, bin-numru tal-magna 76538309, u bin-numru tac-*chassis* WBA1N32020J156861 - li ghandha tintradd lura minnek lill-attur minhabba d-difetti li ma jidhrux li kienet kolpita bihom l-istess vettura, u li jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi l-attur ma kienx jixtriha minghandek, jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (DOK: A) tal-20 ta' Gunju 2022, ossija ittra ufficjali numru 2640/2022, u bl-imghaxijiet, dekorribbli millum sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.**

wara li rat ir-risposta tal-kumpanija intimata ippreżentata fit-18 ta' Novembru 2022[2] li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

---

[1] Fol 1-3
[2] Fol 8-9

1. Illi fl-ewwel lok it-talba tal-attur li fuqha qiegħed jibbaża t-talba tiegħu, u ċioe' fuq Artikolu 1424 ta' Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, hija azzjoni dekaduta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-istess Kodiċi Ċivili;

2. Illi, ukoll b'mod preliminari, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' intimata qiegħda tirrispinġi kwalunkwe allegazjoni ta' difetti moħbija fil-vettura tal-attur;

3. Illi inoltre, s-soċjeta' esponenti qiegħda tiċħad l-allegazzjoni tal-attur illi din it-tip ta' vettura hija kolpita minn xi difetti "kif ben magħruf internazzjonalment";

4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur għandu jindika u jispjega eżatt x'inhuma dawn l-allegati difetti illi ma jidhrux;

5. Ill fi kwalunkwe każ, l-unika ħsara, u mhux difett, illi s-soċjeta' konvenuta taf biha hija relatata u kkawżata unikament mill-attur innifsu billi ma ħax ħsieb il-vettura kif mistenni;

6. Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

Bl-ispejjeż.

wara li rat li permezz tal-ordni *in camera* tagħha tad-19 ta' Diċembru 2022 u in vista tal-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' dekadenza l-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi[3],

wara li semgħet ix-xhieda, qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom u rat id-dokumenti esebiti fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' dekadenza,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmulha bil-fomm:

- mill-Avukat Dr. Darren Carabott għall-kumpanija intimata, u
- mill-Avukat Dr. Alexander Schembri għar-rikorrent,

qed tagħti din is-

## Sentenza parzjali

1. F'din il-kawża r-rikorrent qed jitlob li l-Qorti tikkundanna lill-kumpanija intimata, li mingħandha kien xtara vettura tal-għamla BMW 116d, tħallsu s-somma ta' € 10,890.45 jew somma verjuri, li tirrappreżenta parti mill-prezz tagħha li skond hu tmiss lilu peress li l-vettura hija milquta minn difetti moħbija li jagħmluha mhux tajba għall-użu li għaliha hija maħsuba jew li jnaqqsu daqstant il-valur tagħha li r-rikorrent ma kienx jixtriha mingħandha jew almenu kien iħallas prezz inqas għaliha. Il-kumpanija intimata apparti numru ta' eċċezzjonijiet oħra fil-mertu, preliminarjament

[3] Fol 10

eċċepiet illi l-azzjoni tar-rikorrent hija perenta bid-dekadenza tat-terminu ai termini tal-Art. 1431 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. L-azzjoni tar-rikorrent, dik stimatorja, hija waħda minn żewġ azzjonijiet miftuħa lix-xerrej (bl-oħra tkun dik magħrufha bħala l-azzjoni redibitorja) li jħoss illi l-oġġett li jkun xtara mingħand il-bejjiegħ tkun milquta b'difett li ma kienx jidher fil-mument tal-bejgħ. Il-venditur huwa obbligat skond l-Art. 1424 tal-Kap. 16 illi:

   **'1424. .... jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom.'**

   L-artikoli sussegwenti imbagħad jippreċiżaw illi:

   **'1425. Il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu.'**

   u illi:

   **'1426. Iżda, huwa jwieġeb għad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-każ, m'għandux ikun obbligat għal ebda garanzija.'**

3. Jekk il-bejjiegħ jħoss illi kien hemm ksur ta' din il-garanzija mill-venditur, ir-rimedji miftuħa għalih taħt il-Kodiċi Ċivili huma għalhekk wieħed mit-tnejn segwenti:

   - Ir-rimedju tal-azzjoni *stimatorja* fejn iżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti, jew
   - Ir-rimedju tal-azzjoni *redibitorja* fejn irodd lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz

4. F'din il-kawża r-rikorrent ippropona l-azzjoni stimatorja billi fil-fehma tiegħu l-vettura kienet milquta b'difett li ma kienx jidher fil-mument tal-bejgħ liema difett jew jagħmluha mhux tajba għall-użu tagħha, jew inaqqas il-valur tagħha b'mod illi kieku kien jaf bih, ma kienx jixtriha jew inkella kien joffri prezz iżgħar għaliha.

5. Il-bejjiegħ li jkun iffaċċjat b'azzjoni ta' din ix-xorta għandu diversi difiżi li jista' jittenta jagħmel fosthom:

   - dik illi l-oġġett mhu milqut bl-ebda difett, apparenti jew mhux, jew
   - dik illi d-difett, għad li qiegħed hemm, ma kienx moħbi billi kellu ikun apparenti għax-xerrej fil-mument tal-bejgħ ossia' li seta' jsir jaf bih waħdu, jew
   - dik illi d-difett, għad li qiegħed hemm, żviluppa wara l-bejgħ u ma kienx preżenti fil-mument tal-bejgħ, jew
   - dik illi l-oġġett vera li huwa milqut b'difett moħbi li kien hemm fil-mument tal-bejgħ iżda l-venditur kien ftiehem max-xerrej, fil-mument tal-bejgħ, ai

termini tal-Art. 1426 tal-Kap. 16 bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-bejgħ illi huwa kien qiegħed jeskludi milli jagħtih il-garanzija kontra d-difetti moħbija, jew

- dik illi l-azzjoni mibdija mix-xerrej hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur mill-kunsinna tal-oġġett ai termini tal-Art. 1431.

6. Il-kumpanija intimata qed tiddefendi ruħha preliminarjament billi tgħid illi l-azzjoni tar-rikorrent hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur, apparti li fil-mertu qed tgħid ukoll illi m'hemm ebda difetti moħbija fil-vettura u jekk xejn, il-ħsara li hija afflitta biha, ġiet ikkawżata mir-rikorrent billi ma ħax ħsieb il-vettura kif mistenni.

7. L-Art. 1431 tal-Kap. 16 jipprovdi dak li ġej:

> **'1431. (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.**
>
> **(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.**
>
> **(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).'**

8. Ir-rikorrent bħala l-proponent tal-azzjoni stimatorja qed jilqa' ruħu għal din id-difiża billi min-naħa tiegħu jgħid[4] illi huwa induna bid-difett moħbi ftit wara li waqfitlu l-vettura fid-19 ta' Mejju 2022 u li allura ma kienux laħqu għaddew sitt xhur meta nfetħet il-kawża fit-23 ta' Settembru 2022.

9. Il-ġurisprudenza fuq dan l-artikolu tal-liġi hija varja u pjuttost uniformi partikolarment fuq l-elementi tagħha. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet: **<u>Sergio Sciberras v. Burmarrad Commecials Limited</u>** (QAC (Sup) – Rik. Nru. 1156/2010/1, deċiża 28/04/2017) intqal hekk in riassunt:

> "Din il-Qorti tirribadixxi l-principju in materja li (1) l-azzjoni attrici ibbazata fuq difett mohbi hija soggettata ghal terminu ta' sitt xhur; (2) li dan il-perijodu huwa wiehed ta' dekadenza; (3) li dan it-terminu jibda jghaddi minn dakinhar li x-xerrej seta' jikxef id-difett; (4) li jista' jsir rikonixximent tal-allegat vizzju da parti tal-venditur u (5) li r-rikonoxximent ried ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat. Dawn il-principji jirrizultaw mil-ligi u mill-gurisprudenza tal-qrati taghna, kif tajjeb gie muri fis-sentenza tal-ewwel Qorti*".*

[4] Fol 34A-34E

10. La darba l-perjodu ta' sitt xhur huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, la jista' jiġi interrott mix-xerrej u lanqas b'mod ieħor ippreservat u pprolungat, kif kien ikun il-każ li kieku l-perijodu kien wieħed preskrittiv tal-azzjoni. Madanakollu, b'mod eċċezzjonali, l-ġurisprudenza ppermettiet illi jkun hemm rikonoxximent tal-allegat vizzju mill-venditur b'mod illi effettivament l-perjodu ta' dekadenza jerġa jibda jiddekkorri mill-ġdid. F'dan ir-rigward intqal hekk mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Carmelo Buttigieg v. Eucharist Zammit</u>** (QAC (Sup), Ċit Nru 720/85, deċiża 07/10/1997):

> "*Certament hu stabbilit illi tali terminu ma jistax jigi interrott perjodu preskrittiv. Infatti wiehed ma jistax, fil-fehma ta' din il-Qorti, iqis li hemm interruzzjoni tat-terminu fis-sens veru u proprju tal-kelma, imma pjuttost ir-rikonoxximent da parti tal-venditur ta' l-ezistenza tad-difetti mohbija u bl-obbligazzjoni espressa jew tacita li jirrimedja ghalih. Li jfisser illi l-azzjoni tal-kompratur tigi salvata u tibqa' esperibbli bhala effett ta' din l-obligazzjoni u mhux ta' l-interruzzjoni tal-perjodu ta' dekadenza li jkun qed jiddekorri. Huwa r-rikonoxximent tad-difett u tar-responsabbilita' da parti tal-venditur li jsalva l-azzjoni tal-kompratur u mhux l-interruzzjoni unilaterali da parti tal-kompratur tal-perjodu estintiv ta' l-azzjoni. Jekk ix-xerrej jirrikonoxxi d-difetti u jirrikonoxxi r-responsabbilita' tieghu ghalih, iz-zmien ta' sena (jew xahar-illum sitt xhur )stabbilit mil-ligi, jibda jghaddi minn dakinhar li jsir tali rikonoxximent* (Vol.XXII.iii.p.79)(Galea vs Calleja, Kummerc, 8/01/1965)." *"Biex il-kompratur jista' jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara d-dekors ta' zmien jehtieglu jipprova li huwa, fi zmien utili informa lill-venditur bil-vizzju tal-haga u dan, f'dan iz-zmien, ipprometta li jiehu l-haga lura jew almenu irrikonoxxa jew ma kkontrastax l-ezistenza tal-vizzju. Ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur biex jissospendi d-dekadenza irid ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat* (Vol. XXXVIII.iii.723).(Fenech vs Spiteri, Appell, 4 ta' Lulju, 1990)...
>
> ... "*Id-denunzja tal-vizzju lill-venditur, anke ufficcjalment, ma tiswix biex izzomm l-azzjoni, u lanqas ma jiswew it-trattativi li, waqt li jkun ghaddej iz-zmien, ikunu bdew bejn il-kontraenti biex jirrisolvu d-diffikultajiet li jkunu graw, ammenoche bhala effett u fil-kor ta' l-istess trattativi l-venditur ma jkunx spicca biex irrikonoxxa w ammetta l-ezistenza tal-vizzju u l-konsegwenzjali legittimita' tar-reklam u akkonsentixxa, per ezempju, li jiehu lura l-haga jew jaghmlilha rireparazzjonijiet okkorrenti.* (Vol.XLI.iii.776). U gie wkoll deciz illi <*biex l-azzjoni redibitorja tigi ritenuta ezercitata fi zmien utili*> *f'kaz tal-konfessjoni tal-venditur dwar l-ezistenza u pre-ezistenza tal-vizzju, jehtieg li dik il-konfessjoni tkun giet ottenuta mill-kompratur* <*nel termine*> *u cioe' fi zmien tax-xahar (f'dan il-kaz) li fih kellu jagixxi l-attur (*Camilleri vs Calascione, deciza mill-Qorti talKummerc fid-29 ta' Ottubru, 1954)."

11. Issa għalkemm it-terminu in kwistjoni m'huwiex wieħed ta' preskrizzjoni u għalhekk la hemm il-ħtieġa illi tiġi deċiża b'kap għaliha (ai termini tal-Art. 730 tal-Kap. 12) u lanqas li tiġi deċiża qabel is-sentenza fuq il-mertu, madanakollu billi l-akkoljiment ta' eċċezzjoni ta' din in-natura għandha bħala effett tagħha l-estinzjoni tal-proċeduri, jagħmel sens għall-ekonomija tal-ġudizzju li din il-Qorti tiddeċiedi fuqha qabel ma' tisma l-provi fuq il-mertu.

12. Il-Qorti tagħmilha ċara illi f'dan l-istadju, minkejja li fil-kors tal-provi l-partijiet b'mod inevitabbli daħlu xi ftit fil-mertu, hija ma tistax u m'hijiex ser tindaga jekk l-allegat

difett kienx moħbi u eżistenti fil-mument tal-bejgħ, iżda biss jekk għaddewx sitt xhur minn meta ir-rikorrent sar jaf, jew b'mod raġjonevoli għandu jitqies li kellu jkun jaf, bl-allegat difett moħbi. Għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief tinjora s-sottomissjoni magħmula mill-avukat tal-intimata fit-trattazzjoni tiegħu illi r-rikorrent kellu jipprova illi d-difett kien eżistenti fil-mument tal-bejgħ billi din hija kwistjoni li strettament tidħol fil-mertu tal-każ. Lanqas m'huwa rilevanti f'dan l-istadju li jiġi kkunsidrat jekk il-ħsara in kwistjoni kienetx wieħed ta' *wear and tear* u li toħroġ b'mod naturali iżjed ma jgħaddi ż-żmien.

13. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent **<u>Geoffrey Ciantar</u>** spjega kif fid-19 ta' Mejju 2022, f'daqqa waħda l-vettura bdiet tieqaflu kull ħames metri matul is-sewqan. Għalhekk kien irmunkaha u l-għada ħadha għand il-kumpanija intimata. XI ftit jiem wara ċempillu persuna mill-kumpanija li qaltlu li l-vettura kien marrilha t-*timing chain* u li għalhekk kellha tinbidel il-magna bi prezz ta' € 12,000 għal waħda *second-hand* jew bil-prezz ta' €14,000 għal waħda ġdida. Huwa jgħid li ma jifhimx fil-karozzi u ma kienx jaf x'inhi *timing chain.* Għalhekk kien daħal fuq l-*internet* biex isir jaf iżjed fuqha u jgħid li skopra li madwar id-dinja kien hemm problema bit-*timing chain* tal-vetturi in kwistjoni. Jgħid illi l-karozza qatt ma qalgħetlu problemi fil-passat u li huwa qatt kien jaf b'din il-kwistjoni. Mid-dokumenti esebiti jirriżulta ili l-vettura tat-tip *BMW 116 Efficient Dynamic MA* iddaħħlet għand il-kumpanija intimata fl-20 ta' Mejju 2022 fit-8.00am u kellha *mileage* ta' 106,518. Din iddaħħlet sabiex jsirulha xi testijiet fuqha billi: *"Engine switched off on its own. Client tried to restart. engine cranking but not starting"*[5]. Jirriżulta ukoll illi ftit jiem wara, preċiżament fis-27 ta' Mejju 2022 inħareġ kont ta' € 212.40 għal xogħol li kien sar f'dan ir-rigward minn fejn joħroġ illi wara li nqalgħet il-magna u t-*top cover* irriżulta li l-*cam carrier* kienet miksura, u rriżulta ukoll illi r-*raker arms* u l-i*sprocket* tal-*camshafts* kienu ukoll miksurin, filwaqt li l-*camshifts* u l-*valves* kienu mgħawwġa. Meta nqalgħet is-*cylinder head* u ġew iċċekkjati l-*pistons* irriżulta illi għalkemm dawn dehru li kienu sew, it-*turbo* kien f'kundizzjoni kritika.[6] Ir-rikorrent qal illi kien fit-30 ta' Mejju 2022 li huwa kien ġie infurmat minn Angelo Cardona, rappreżentant tal-intimata, li l-magna kellha bżonn tinbidel. Huwa mar jiltaqa' ma' *supervisor* jew *manager* tal-kumpanija li nfurmah illi l-intimata ma taħtix għal din il-problema u li kienu ser jiktbu lill-BMW sabiex jaraw jistgħux jgħinu. Huwa insista ukoll illi qabel dakinhar li waqfet il-vettura qatt ma kienet tagħtu problemi jew wriet xi ħaġa li setgħet iġġiegħlu jifhem li kellu problema.

14. Fix-xhieda tiegħu, **<u>Carlos Mizzi</u>**[7], rappreżentant tal-kumpanija intimata u li jaħdem fis-*Sales Department* tagħha qal fost oħrajn illi l-vettura inxtrat mingħandhom ġdida fit-18 ta' Lulju 2014 u li din kien irmunkata u miġjuba għandhom mir-rikorrent fit-30

[5] Dok GC1 a fol 35-36
[6] Dok CM1 a fol 26-27 u Dok GC2 a fol 37-38
[7] Fol 18-25

ta’ Mejju 2022[8] fi stadju ta’ *life cycle* li jitqies avvanzat. Irriżulta illi t-*timing chain* tal-vettura kienet inqatgħet b’dan li l-magna ġarrbet ħsarat estensivi. Il-katina saret irreparabbli u għaldaqstant il-magna saret *beyond economical repair* u trid tinbidel. Sostna illi għalkemm l-ewwel darba li saru jafu bil-problema in kwistjoni kien meta l-vettura inġiebet għandhom f’Lulju 2022, problema bħal din ma tinqalax f’daqqa u li jekk isir manteniment regolari tal-vettura allura ikun hemm ċertu ħsejjes li jinstemgħu mill-ħaddiema li jkunu indikattivi ta’ problema jew bidu tal-problema fit-*timing chain.* Il-kumpanija talbet lill-BMW minn barra jekk din tistax tagħti xi forma ta’ kontribuzzjoni finanzjarja iżda r-rikorrent laħaq fetaħ il-kawża qabel ma ġew lura b’risposta illi ma setgħu jikkontibwixxu xejn billi s-*service* tal-vettura mhux dejjem sar fil-ħin.

F’dan ir-rigward wara li x-xhud esebixxa *service history* tal-vettura[9] huwa kkonferma illi dan id-dokument juri d-drabi kollha li r-rikorrent kien ħa l-vettura għand l-intimata għas-*service* u li filfatt r-rikorrent kien jieħu l-vettura għand l-istess kumpanija għas-*servicing* tagħha.

Qal li l-qtugħ tat-*timing chain* mhijiex problema komuni għalkemm il-kumpanija taf li dan jista’ jinqata’. Inoltre spjega li f’każ illi jkun hemm *recall* minn barra, jekk din tkun tolqot il-vettura in kwistjoni huma jkunu jafu b’dan permezz tax-*chassis number* tagħha f’liema każ huma kienu jinfurmawh bil-kwistjoni. Għas-suġġeriment mill-avukat tar-rikorrent illi din il-problema bit-*timing chain* hija waħda regolari u li anke kien hem *class action suits* barra minn Malta fuqha, huwa wieġeb li jista’ jkun hemm ħafna affarijiet li jiġru barra minn Malta.

15. Mid-dokument tas-*service history* jirriżulta illi din ittieħdet għand l-intimata għas-*service* jew għal xi tiswijiet fit-23/06/2015, fis-27/06/2016, fit-28/12/2017, fis-17/08/2018, fil-31/08/ 2020, fil-11/09/2020 u fit-02/12/2020.

16. Minn dan id-dokument ma jirriżultax illi l-problema in kwistjoni qatt kienet qamet fil-passat. Dwar it-trapass ta’ kważi sena u nofs bejn id-data tal-aħħar *service* u meta l-vettura nġiebet għandhom bil-problema u jekk din kienetx detrimentali *o meno* u xeħtitx it-tort tal-akkadut fuq ir-rikorrent, hija kwistjoni li tidħol fil-mertu u għalhekk huwa biss fi stadju ulterjuri u jekk il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni preliminari, illi l-partijiet jistgħu jressqu provi dwarha. Għalhekk il-Qorti qed tiskarta ukoll is-sottomissjonijiet tal-avukat tal-intimata magħmulha fit-trattazzjoni tiegħu fis-sens illi r-rikorrent ma kienx qed jieħu l-vettura għal *servicing* regolari għand l-intimata. Li hu żgur pero’ huwa illi ma jirriżultax illi l-problema in kwistjoni inqalgħet qabel ma l-vettura ttieħdet għand Muscats Motors f’Mejju 2022.

17. Fir-rigward tal-informazzjoni misjuba mir-rikorrent fuq l-*internet* dwar *recalls* tal-vettura in kwistjoni barra minn Malta, il-kumpanija intimata pruvat tindaga ukoll

[8] Mid-dokument imressaq mir-rikorrent a fol 35-36 irriżulta pero’ li b’mod iktar preċiż il-vettura kienet iddaħħlet bil-problema in kwistjoni għand Muscats Motors fl-20 ta’ Mejju 2022.
[9] Fol 28-33

dwar meta dawn kienu ħarġu dawn l-artikli u meta kienu saru r-*recalls* in kwistjoni. Il-Qorti però ma ppermettietx li din il-mistoqsija tiġi mwieġba billi fil-fehma tagħha, anke li kieku dawn ħarġu qabel ma nxtrat il-vettura, m'għandux wieħed jippretendi illi r-rikorrent kellu jkun jaf bid-difett fil-mument tal-bejgħ.

18. F'dan ir-rigward ingħad hekk fis-sentenza preċitata fl-ismijiet: **<u>Carmelo Buttigieg v. Eucharist Zammit</u>** (QAC (Sup), Ċit Nru 720/85, deċiża 07/10/1997):

> "Inoltre' din il-Qorti hi ta' l-opinjoni li bil-kliem tat-tieni subartikolu fuq imsemmi, indikanti *d-dies a quo* tad-dekorrenza ta' terminu ta' xahar (illum sitt xhur) stabbilit mill-ligi, cioe' il-kliem <*minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef id-difett*> ghandhom ikunu interpretati fis-sens li d-*dies scientiae* ma hux dak li fih tigi notata jew riskontratta l-irregolarita` fil-funzjonament, imma huwa dak li jigi accertat id-difett. Dan hu partikolarment il-kaz fil-bejgh ta' ingenji jew apparati ta' struttura delikata u teknikament komplikata, bhal ma huma washing machine, refrigerators etc.,li llum il-gurnata saru ta' uzu domestiku komuni. M'huwiex logiku li wiehed jirritjeni li malli x-xerrej jirriskontra xi rregolarita' funzjonalment jikkonkludi li din l-irregolarita' hi difett li qed jirrendi l-apparat minnu mixtri mhux tajjeb ghall-uzu mahsub, u li fil-pront jistitwixxi azzjoni, imma jidher aktar logiku li jinghad f'kaz simili, stante l-possibilta' li si tratta mhux ta' veru difett imma ta' semplici rregolarita' facilment reparabbli, ix-xerrej jirrikorri lill-bejjiegh biex dan sia pure taht il-garanzija li soltu tigi rilaxxjata ma' bejgh ta' attrezzi simili jipprovdi ghar-riparazzjoni."(Vol.XLVII.i.556).
> Dan ma jfissirx pero' li x-xerrej jista' jibqa' inattiv anke meta d-difett ikun gie kjarament stabbilit. Id-dies scientiae hu dak li fih jigi definnitavament accertat id-difetti. B'dana kollu hemm zgur punt fiz-zmien li fih l-izvilupp progressiv ta' vizzju jista' jinghad li jkun lahaq kumulattiv li ghandu ragjonevolment jgharraf lix-xerrej bl-ezistenza tieghu u minn dak il-punt jibda jitqies iz-zmien ta' l-azzjoni jew inazzjoni ta' l-istess xerrej ghall-finijiet ta' l-artikolu 1481 (issa 1431) tal-Kodici Civili" (Emanuele Florian vs Rosario Desira, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 1969)."

19. Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ *de quo* irriżulta illi d-difett in kwistjoni (jekk huwiex moħbi jew le, hija kwistjoni oħra) ma ħariġx qabel it-30 ta' Mejju 2022 u żgur allura li d-*dies scientiae* kien proprju dak iż-żmien illi l-intimata infurmat lir-rikorrent bil-qtugħ tat-*timing chain*. Jekk din il-problema kienetx teżisti barra minn Malta ferm qabel ma skopra biha r-rikorrent u jekk din kienetx daqstant komuni illi r-rikorrent kellu jkun jaf biha minn ferm qabel (u possibilment minn qabel ma xtara l-vettura) hija rrilevanti għaliex jekk xejn dan kien il-każ, tali informazzjoni minn fuq l-*internet* ma kienetx tikkonċerna direttament il-vettura in kwistjoni. Kien ikun differenti li kieku ġie ppruvat illi minkejja li kien hemm *recall* tal-vettura u minkejja li l-intimata bagħtet għar-rikorrent sabiex jieħu l-vettura għandhom, dan baqa' ma marx biha għal numru ta' żmien, għalkemm anke f'dan ir-rigward, kif ġa ngħad il-ġurisprudenza tippermetti li b'mod eċċezzjonali jkun hemm rikonoxximent tal-allegat vizzju mill-venditur b'mod illi effettivament l-perjodu ta' dekadenza jerġa jibda jiddekkorri mill-ġdid.[10]

[10] Għal kull bwon fini però jingħad illi l-intimata tiċħad li l-vettura hija kolpita minn xi difetti "*ben magħrufha internazzjonalment*".

20. Għalhekk jidher ċar illi m'huwiex il-każ illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija dekaduta bit-trapass taż-żmien għaliex bejn t-30 ta' Mejju 2022 u t-23 ta' Settembru 2022, m'għaddewx sitt xhur iżda kien laħqu għaddew biss fitt inqas minn erba' xhur.

**Deċiżjoni**

**21. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tad-dekadenza tal-azzjoni tar-rikorrent ai termini tal-Art. 1431 tal-Kap. 16, proposta mill-kumpanija intimata fir-risposta tagħha u tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu. L-ispejjeż ta' din l-istanza huma riservati għall-ġudizzju finali.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur